# IL-MUSBIEĦ

ĦARĠA Numru 3 Malta Union of Midwives and Nurses Diċembru 1997



Purity®

- SURGICAL COTTON
- MATERNITY PADS
- ADULT INCONTINENCY DIAPERS
- SANITARY TOWELS

PURITY PRODUCTS LIMITED
Head Office: 126, Cross Road, Marsa, Malta.
Tel: 225321, 443407. Fax: 488591.




# Welch Allyn and Tycos

## A Quality Partnership

Doctors, worldwide, have come to know and depend on Welch Allyn diagnostic instruments as the industry standard for quality, innovation and technology.

These same doctors demand quality, accuracy and dependability in their blood pressure instruments and accessories.

Tycos Classic sphygmomanometers carry a unique Lifetime Certification and Triple Warranty—assuring repeatable accuracy for the life of the purchaser.

Now these two great companies have joined forces—and **Welch Allyn** brings **Tycos** products to doctors everywhere through our vast network of expert distributors. So we continue to offer all health care professionals the precision, dependability and innovative design they demand.

Contact your Welch Allyn distributor now for details.

Welch Allyn

Tycos® A Welch Allyn Company

Welch Allyn, Inc.
4341 State Street Road
P.O. Box 220
Skaneateles Falls, NY 13153-0220
Telephone: (315) 685-8351

**IL-MUSBIEĦ**

**BORD EDITORJALI:**

Editur: Tonio Pace
Asst. Editur: Louise Cini
Set-Up: Norbert Debono
Membri: David Attard
Lora Pullicino

**PUBBLIKAT:**
MALTA UNION OF MIDWIVES AND NURSES
VJAL KOTTONER, FGURA.
TEL/FAX: 802862

**EŻEKUTTIV MUMN:**

President Rudolph Cini
Viċi-President Carmen Waering
Segretarju Colin Galea
Asst. Segretarju Norbert Debono
PRO David Attard
Kaxxier Mary Gambin
Membri Lora Pullicino
Francis Agius
M'Anne Abela

NOTA:
*IL-FEHMIET LI JIDHRU F'DAN IL-ĠURNAL MHUX NEĊESSARJAMENT LI JIRRIFLETTU L-FEHMA JEW IL-POLICY TAL-MUMN.*

**STAMPAT:**
BETA PRINTERS - ŻEJTUN.

**WERREJ:**

*Editorjal* Pġ. 3
*Messaġġ tal-President* Pġ. 4
*Il-Konsum ta' l-alkoħol* Pġ. 5
*Nghiduha kif inhi* Pġ. 6
*Il-Kuntatt* Pġ. 7
*Sharps* Pġ. 8
*Mis-Segretarju Ġenerali* Pġ. 9-10
*X'sar f'dawn l-aħħar xhur* Pġ. 11
*Għażiż Segretarju* Pġ. 12
*The future role of the Maltese Midwife* Pġ. 13
*Fil-ħin liberu* Pġ. 14-15
*Applied Techniques for the Administration of Enemas* Pġ 16
*Ejjew Nidħqu Ftit* Pġ. 18

*Qoxra: Xbieha ta' presepju, bit-twelid ta' Ġesu' fostna.*

*Ħajr lis-Sur Ant. Bonanno, li pprovda ir-ritratt (żgħir) tal-Musbieħ, li jidher fil-faċċata.*

# FEJN SEJRIN?

Lkoll kemm aħna ħerqana, biex naraw l-isptar il-gdid f'Tal-Qroqq lest, sptar li għandu jkun is-salvazzjoni tal 'over-load' fl- isptar San Luqa u l- madwar. Kulħadd huwa konxju li r-rata ta' anzjani fis- soċjetà tagħna qegħedha dejjem tiżdied. Fl-isptar San Luqa kif jaf kulħadd, teżisti l- problema ta' pazjenti li jokkupaw spazju fis swali ġenerali fit-tul, u għalhekk, ħafna drabi meta niġu ffaċjati b'mard akuwt, ta' bilfors tinħoloq il-problema ta' nuqqas ta' spazju.

Ftit tal-ġranet ilu, l-Management ta' l-isptar San Luqa, ħa deċiżjoni, li jlaqqa lil numru ta' Nurses minn diversi swali fil-board room ta' l-isptar, biex jinstemgħu xi suġġerimenti li n-Nurses kellhom x' iressqu rigward opinjonijiet li huma kellhom għall-isptar il-ġdid ... però, dak li għandu x'jaqsam mas-swali biss. Ovvjament, is-suġġerimenti kienu ħafna, u dawn ġew notati, biex jiġu mgħoddija lil min taħtu taqa' din ir-responsabbiltà. Aħna n-Nurses nafu x'inhuma n-nuqqasijiet li għandna fuq il-post tax-xogħol tagħna, u għalhekk nippretendu li xi ħadd jagħti widen, għaliex żgur li ma rridux immorru naħdmu fi sptar li qam il-miljuni, u nsibu l-istess intoppi, bħall dawk li nkunu ħallejna warajna

Mill-banda l-oħra, rigward l-amministrazzjoni, kulħadd għandu l-idejat tiegħu, però l-MUMN, kif issuġġerixxiet, li l-isptarijiet Tal- Qroqq, Karen Grech, u Sptar San Luqa, għandhom ikunu awtonomi minn xulxin. Permezz ta' dan, l-Management ikun iktar iffukat fuq problemi ta' l-isptar tiegħu biss, u mhux ta' Dipartimenti diversi. Għanda wkoll tingħata mportanza, l-imġieba lejn l-istaff fuq ix-xogħol tagħhom, biex forsi tinqata l-apatija li ilha teżisti madwarna għal bosta snin. Għandu wkoll jiġi żgurat, li n-Nurses u l-Midwives jaħdmu għall-qalbhom, u mhux b'nofs qalb. B'hekk ir- riżultat jissarraf f'wieħed pożittiv. In-Nursing u l-Midwifery, huma delikati biżżejjed, u għalhekk in-Nurses u l-Midwives għandhom ikunu stmati w ikkalkulati. Fi ftit kliem, nagħtu prijorità lill-komunikazzjoni ta' bejnietna lkoll ... niftakru li aħna lkoll bżonn xulxin !!

*L-Editur*



AWGURI BL-ISBAĦ XEWQAT MINGĦAND IL-BORD EDITORJALI TA' DAN IL-ĠURNAL, LILL-MIDWIVES U N-NURSES KOLLHA, SPEĊJALMENT LILKOM MSIEHBA FL-MUMN. NIXTIEQULKOM DAK KOLLU LI TIXTIEQ QALBKOM.
IL-MILIED U L-FESTI T-TAJBA

# Messaġġ mill-President

Għeziez Membri,

Reġa wasal iż-żmien biex nerġgħu ngħidu żewġ kelmiet biex b'hekk din il-Union tagħmel aktar kuntatt magħkom il-membri. Union li qed tikber kuljum tant, li saħansitra llum qed tgawdi l-maġġoranza assoluta ta' membri fost in-nurses u l-midwives, li jaħdmu kemm fis-Servizz Pubbliku, kif ukoll fl-Isptar Zammit Clapp. Jekk Alla jrid fi żmien qarib ħafna, ser ikollna l-maġġoranza assoluta anke fl-Isptarijiet St. Philips' u Capua.

Xi tfisser għall-Eżekuttiv 'sole recognition', jew aħjar li jkollok maġġoranza assoluta tan-nurses u midwives magħqudin flimkien? Primarjament dan jindika l-livell ta' fiduċja li kulħadd qed juri f'din il-Union b'mod speċjali l-Eżekuttiv li jien nippresedi, u ta' dan jien nirringrazzjakom min qalbi. Iżda għall-Ezekuttiv, 'sole recognition' tfisser iktar impenn u ħidma bla waqfien issa li n-negozjati kollha li jsiru fir-rigward ta' l-impjegati li nirraprezentaw, għandhom isiru biss ma din il-Union. Wasal il-mument li tant ħafna u ħafna minna dejjem ħlomna .... UNION TAGĦNA.

Preżentament, din il-Union għaddejja min negozjati mal-Gvern biex turi li verament għad hemm spazju miftuħ ta' kif għandhom jiġu rranġati l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħna. Dan kollu qed isir propju fl-eżerċizzju korrettorju tar-riforma. Rigward il-proposti tagħna, ġejtu nfurmati dwarhom dak inhar tal-laqgħa li ttellgħet fl-Istitut Kattoliku, fejn intom attendejtu bi ħġarkom. Grazzi.

Fit-talbiet tagħna, il-mira hija propju sabiex inħajru aktar żagħżagħ jibdew karriera fin-nursing jew midwifery u fl-istess ħin, intaffu xi inġustizzji li saru fil-passat.

Nispera li tafu li llum din il-Union għandha l-premises tagħha, li nfetaħ nhar it-22 ta' Novembru li għadda. Dan il-post huwa għalikom biex aktar ikollna kuntatt mill-qrib magħkom.

Nagħlaq billi nawguralkom l-isbaħ xewqat għal Milied mill-aqwa mimli barka u sena mimlija risq u dak kollu li tixtieq qalbkom.

*Rudolph Cini*

# INQUMU MIN-NGĦAS

Ix-xagħar ta' Diċembru huwa xagħar fejn jibdew il-preparazzjonijiet għall-Milied. Kemm jogħġobni t-tiżjin tal-Milied. It-toroq mdawlin, is-siġar tal-Milied, il-kartolini, ir-rigali, il-parties, il-carols, il-Bambin ġewwa l-maxtura, il-presepji, il-quddiesa ta' nofs il-lejl. Imbagħad xi ngħidu għaċ-ċikkulati, il-Christmas pudding, il-log cake, il-kgħak ta' l-għasel. Imma fuq kollox togħoġobni l-atmosfera. Donnu li f'dan iż-żmien kulħadd jaħseb xi ftit aktar mis-soltu f' ħaddieħor.

Ix-xagħar ta' Diċembru, huwa xagħar li lili jagħtini wkoll daqsxejn ta' tbeżbiża, għaliex ifakkarni f'waħda mir-rejaltajiet tal-ħajja. Żmien ilu, ġie Ġesù fostna, ġie meta ma kienx mistenni, ma kienx milquħ. Għandu jerġa jiġi, imma meta ma nafux !

"Intom tafu f'liema żmien qegħdin. Waslet is- siegħa li ntom tqumu min ngħas; għax is-salvazzjoni tagħna hi eqreb minn meta bdejna nemmnu. Il-lejl għoddu għadda, u qorob il-jum. Inwarrbu mela l-egħmil tad-dlam u nilbsu l-armi tad-dawl. Ngħixu kif jixraq, bħal f'bi nhar; mhux bl-ikel iż-żejjed u s-sokor, mhux biż-żina u t-tbaħrid, mhux bil-ġlied u l-għira. Imma ilbsu lil Sidna Ġesù Kristu u ħallukom mill-ħsieb tal-ġisem u l-ġibdiet tiegħu." Rum. 13, 11-14.

Ħbieb, nixtieqilkom Milied ħieni, u s- sena t-tajba.

*Antoinette Calleja*

*Presidenta Onorarja*

# IL-KONSUM TA' L-ALKOHOL



*Sina Bugeja MSc (Wales)*

L- alkohol huwa sustanza li jekk tiġi abbużata tħalli effetti koroħ fuq is-saħħa. Madwar id-dinja, numru kbir ta' nies jixorbu l-alkoħol regolari f' okkażżjonijiet soċjali, iżda ma jqisux ruħhom bħala individwi li jħobbuha l-qatra! F'daż-żmien tas-sena nisimgħu u naqraw fuq ħafna diżgazzji li bi ftit ħsieb u għaqal jistgħu jiġu eliminati.

Ir-rejaltà hi li kollox minn ftit jibda u mingħajr ma nintebħu inżidu fil-konsum. M'hemmx għalfejn wieħed ikun sakranazz biex jaħseb fuq x'inhu l-effett tal-alkoħol fuq il-ġisem. Biex inkunu aktar ċari ngħidu li l-alkoħol jeffettwa partijiet differenti tal-ġisem fosthom il-moħħ, il-qalb, l-istonku, l-fwied u s- sistema nervuża. Ir-riskju għall kancer tal-ħalq, tal-griżmejn u tal-'pipe' li minnu jgħaddi l-ikel biex imur fl-istonku (l-oesophagus) jiżdied.

L-effett prinċipali ta' l-alkoħol fuq il-moħħ huwa li dan jiddallam xi ftit b'tali mod li r-rejazzjonijiet normali kif ukoll il-funzjoni regolari isiru aktar bil-mod. Għal kuntrarju ta' li jaħsbu xi wħud, l-alkoħol fi kwantitajiet żgħar mhux stimulant iżda jaħdem aktar bħala kalmant. Biss xorta waħda jibqa l-effett li jnaqqas mill-mistħija, għalhekk persuni li jqisu lilhom nfushom bħala mistħija jieħdu ftit alkoħol biex bħal iżidu aktar il-kuraġġ u jkunu kapaċi jiffaċċjaw xi sitwazzjoni li ma jkunx daqshekk komdi fiha. Minn xi daqqiet, persuna mistħija tinbidel f'waħda arjuża wara li jinxtorob ammont ta' alkoħol.

Forsi hawnhekk tibda l-problema ta' l-alkoħol - meta persuna jkollha tixrob biex 'tiffunżjona' aħjar! Mingħajr ma tintebaħ, dan jibda jsir vizzju u l-verità hi li dejjem ser tinstab skuża għaliex ittieħed dak il-grogg jew tnejn!!

### Meta jibda l-ammont tax-xorb ikun problema?

Jekk persuna tixrob regolari, aħjar tara eżatt kemm qed tixrob alkoħol fil-gimgħa. Il-ħsara fil-ġisem tiżdied hekk kif jiżdied il-konsum. It-tobba jissuġġerixxu li aktar minn 21 'unit' fil-ġimgħa għal raġel u 14 il-'unit' għall mara ikunu aktar mill-limitu accettabbli. Dawn il-figuri jinħtieġ nifmuhom sew, mhux qed nissuġġerixxu li dan l-ammont għandu jiġi kkunsmat iżda li meta dawn il-limiti jinqabżu, r-riskju għall mard tal-fwied u għad dipendenza mill-alkoħol jiżdiedu sew. Meta ngħidu 'unit', infissru kejl skond l-ammont ta' alkoħol li jkun fih ix- xorb: kull waħda minn dawn li ser insemmu, hija meqjusa bħala 'unit', nofs pinta birra; tażża nbid tal-mejda; tazza sherry; u grogg whisky jew spirtu ieħor.



### X'inhu l-effett ta' livelli differenti ta' l-alkoħol?

• Wara pinta birra jew tnejn whisky - l-effett huwa tant ħafif li kważi ma jidher xejn, biss rejazzjonijiet normali huma aktar bil-mod mis-soltu u l-kapacità li nagħmlu deċiżjoni jew kalkolu malajr tonqos.

• Wara pinta u nofs birra jew tlieta whisky - il-persuna tħossa allegra, iżda titlef mill-abilità ta' kalkoli eżatti u tonqos sew il-mistħija.

• Wara żewġ pinet u nofs birra jew 5 whisky - ir- riskju li jkollok inċident tat-traffiku, jekk tkun qed issuq, jiżdied b' erba darbiet.

• Wara ħames pinet birra jew 10 whisky - jibda l-istorbju u l-vjolenza, d- diskors ma jibqax ċar u l-persuna titlef għal kollox kull sens ta' kontroll. F'din il-kundizzjoni, r-riskju ta' inċident tat- traffiku jiżdied b'ħamsa u għoxrin (25) darba.

• Wara sitt pinet birra jew 12 whisky - il-vista tiċċajpar u l-persuna jibda jara doppju, jintilef il-bilanċ u jidher ċar li l-moħħ mhux qed jiffunzjona sew.

• Tnax il-pinta birra fiha daqs tlett kwarti ta' flixkun tal-whisky bħala alkoħol! B'dan l-ammont f'ġisimna nintilfu minn sensina. Flixkun whisky jista jwassal għall-avvelenar bl-alkoħol.

**Ftit pariri għal min ser joħroġ u jaf li ser jixrob...**

1. Qatt toħroġ biex tixrob u tkun bi stonku vojt. Tagħmel tajjeb li tixrob tazza ħalib qabel ma toħroġ.

2. Jekk int inkwetat fuq xi ħaġa, ftakar li l-effett tal-alkohol fuqek ser ikun aktar qawwi.

3. Meta tkun f'bar u tħossok bil-għatx, ixrob xi ħaġa ħafifa qabel ma tibda tixrob xorb alkoholiku.

4. Ixrob bil-mod u jekk iżżid il-grogg tiegħek bi ftit ilma jew xi ħaġa oħra, iservik aktar.

5. Ipprova ixrob xorb li fih ftit alkohol jew non-alkoħol.

6. Jekk ħadt biżżejjed tibżax tgħid LE.

Naħseb meta nkunu nafu dan kollu jkun għajb għalina jekk inġibu ruħna ta' boloħ. Il-Milied u l-ġranet ta' festi jiġu biex ingawduhom u mhux biex jiżdiedu n-numri ta' mwiet.

# NGĦIDUHA KIF INHI



*Nicky Sammut*

Dan l-ewwel minn sensiela ta' artikli tiegħi, nixtieq noħloq kuxjenza fuq xi ħaġa li mhux suppost għandi bżonn nagħmel, izda r-rejalta' ma nistgħux naħarbu minnha. Nixtieq għalhekk nistaqsik : "Kemm int kburi, li inti nurse?"

Ma ilu xejn, mort nixtri minn ġewwa supermarket ewlieni u x'ħin kont qed nistenna biex inħallas, inzertajt wara żewġ nisa li x-xorti laqqagħthom hemmhekk. "Sylvia, sellili għall-oħtok, u awguralha tat- tabib ġdid li għandha d-dar!" - "Grazzi Dorothy," weġbitha l-oħra, "u jiena nawgura lil Stephen, laħaqlek Perit, Alla jbierek ..." U hekk kompliet id- diskursata.

Din ġiegħlitni nirrifletti mhux ftit! Dan it tip ta' diskors, spiss nisimgħuh b'riferenza għal Tobba, Periti, Avukati, Inġiniera, Qassisin .... Pero' żgur mhux daqshekk spiss u b'terrur, b'riferenza għall Nurses. Nistaqsi .... GĦALIEX?

a) Il-kunċett ta' Stereotyping :

Min hu serju u għandu għall qalbu n-Nursing, għandu jirrejaliża li l professjoni tagħna hija l-omm ta' kull professjoni oħra. L-ewwel infermiera, kienet l-ewwel omm! Il-Webster Universal Dictionary jiddefinixxi; "To nurse, is to care, to nourish...." Minkejja dan, ftit huma dawk l- infermiera li japprezzaw dan, u bil- wisq, ftit huma dawk li jieħdu r-rikonoxximent li jixirqilhom għax-xogħol nobbli li jagħmlu. Donna din hija xi ħaġa aċċettata mis- socjetà Maltija.

Niftakar meta bdejt in- Nursing school fl-1985, sħabi stess kienu jizzikawni, — " Tini patella nurse!, nurse għandi d-dardir." Saħansitra għall-karnival ta' l-1986, wieħed minn sħabi, ( illum avukat ), libes ta` nurse mara, u fuq il-kappa għamel 'kakka tal- plastik...', niftakar ridt intemmaħħielu ma' widnejh!

Tgħid xi tgħid, din hija r-rejalta'!

Is-soċjetà ftit taprezza xogħolna sakemm ma tiġix bżonn is-servizz tagħna. Maslach u Jackson (1989), jgħidu li, " ... by normal everyday standards - the man in the street associates certain mundane, untasteful task as humanely degrading and expects only a sector of the workforce to perform them ..." Dan b'riferenza diretta għan-nursing bħal meta naħslu l- pazjenti u nneħħu l-ħmieġ, jew meta nkeffnu, fost affarijiet oħra li nagħmlu. Għaldaqstant n-nurse għal ħafna żmien kien għadu jiġi assoċjat ma xogħol baxx u maħmuġ. Imma aħna kemm lesti, nżommu fuq saqajna u nikkoreġu din il-mentalità. Kemm lesti nuru li dan ix-xogħol huwa parti minn xogħol komplet fil- promozzjoni u l-ħarsien tas-saħħa tal-pazjent tagħna



Il- verità hi li ftit insibu nfermiera li lesti joħorġu għonqhom biex jiddefendu l-professjoni tagħhom. Mhux ta' b'xejn għad għandna pazjenti li jirreferu għalina bħala — SERVJENTI. U xi tgħiduli għall atteġġjament tagħna mal-kollegi tagħna t-tobba u l- konsulenti. Għadna nghixu fil-kunċett diskuss minn LLewlyn (1990 ) ta' "Handmaiden role of the nurse to the Doctor", jiġifieri sefturi tat-tobba u nħallu l- kulħadd jgħaffeġ fuq rasna?

Riflessjoni .... Aħseb ftit ...:wiċċ imb'wiċċ ma din ir-rejaltà, int kif iġġib ruħek meta,

**1.** s-soċjetà tirreferi għalina b'disprezz u b'sarkażżmu

**2.** l-professjonisti l-oħra mhux dejjem juruna r- rispett

**3.** jkollok xi pazjent jgħajjatlek Servjent, jew Boy, x'jismhek

L- attitudni tiegħek : tmur int għax-xogħol iġri b'iġri biex isiru s-7.00pm ħalli tmur l-hemm, fejn laqat laqat u fejn ħabat ħabat .... miskin min jaħdem warajk. L-aqwa li l-paga dieħla u over-time kemm irrid!

Lest ... li titgħallem u tkompli titgħallem u tiżviluppa ruħek fi ħdan il-professjoni tiegħek jew l- apatija tiddomina ħsibijietek, biex ma nghidx li tiddieħak b'dawk li lesti jkomplu jistudjaw u jiżviluppaw lilhom infushom.

Ejjew ħbieb nagħmlu eżami tal-kuxjenza serju u ngħidu — Jien minn fejn ser nibda. Proprju l-atteġġjament tagħna ġewwa u barra x-xogħol, jissarraf għada pitgħada biex ngħollu l-istatut u r-rispett tal- professjoni tagħna. Niftakru biss, li jgħid xi jgħid kulħadd huma l-infermiera biss, li għandhom r- responsabbiltà assoluta 24 siegħa kuljum ta' l-għeżeż ħaġa li teżisti — il- ħajja tal-bniedem — u għalhekk ta' dan jistħoqqilna aktar rispett! Imma l-ewwel ejjew nirrispettaw lilna nfusna.

# IL-KUNTATT

Meta fl-isptarijiet tagħna ser jasal żmien fejn jibdew jiġu organiżżati parties tal-Milied għat tfal ta' l-istess impjegati tal-isptarijiet? Tkun xi ħaġa verament sabiħa. Il-Pulizija jagħmluha kull sena, u verament għandhom biex jiftaħru!

• Nifirħu lill-N.O.'s ta'l-isptarijiet tagħna għall roster ġdida BBO. Grazzi għall-MUMN, din ir-roster bdiet tiffunzjona fis-6 ta'Ottubru 1997.

• Nġibdet l-attenzjoni minn diversi nurses u midwives li wrew id-dispjaċir tagħhom dwar il-fatt li numru ta' staff jaslu għax-xogħol liebsin l-uniformi. Verament hawn diversi opinjonijiet, però naħseb li huwa fatt, li l-uniformi għandha tintliebes fil-post tax-xogħol ftit qabel jibda l-ħin proprju. M'hux hekk?

• L-MUMN ipprotestat mal-Ministru tas-Saħħa, rigward l-viżiti li jsiru tard bil-lejl minn persuni ta'l-istess Dipartiment. Ukoll nafu, li matul il-lejl, is-swali jiġu sorvelljati minn Duty Manager apposta. Dan mhux biżżejjed?!!!! X' inhu l-messaġġ??? X'qed jiġri????

Nifirħu lill-membri kollha, u lill-istess MUMN, għall-Sole Recognition mistħoqqa. Dan ifisser li issa l-Gvern jirrikonixxi Union waħda vera, li ħares id- drittijiet tal-Midwives u Nurses.

Għalkemm xbajna nfakkru dwar il-ġbir ta' kampjuni ta' dmija mis-swali, l-Musbieħ ma jaqtax qalbu malajr!! Biex infakkru tajjeb intennu li dawn għadhom qegħedin jittellgħu ġewwa l-laboratorji minn xi ħadd li jkun available fil-ward. Issa s-sabiħa hi, li mill-Out Patients qiegħed jiġi enfasiżżat li l-kampjuni għandhom jittellgħu sa ċertu ħin. La n-Nurses u l-Midwives huma skomdi b' dan in nuqqas ta' servizz, nistgħu inkomplu hekk, hux?? L-ewwel darba li ssemma dan l-ilment kien **ĦAMES XHUR ILU !!!!!**

Nirringrazzjaw lilkom membri li ġentilment attendejtu għall-laqgħa tal-MUMN, nhar it 28 ta' Novembru 1997, ġewwa l-Istitut Kattoliku l-Furjana, u għall-folla enormi li ħonqot is-sala.

## SEGRETARJA FINANZJARJA TA' L-MUMN

Mary Gambin twieldet ġewwa r-Rabat f'Jannar ta' l-1949 u trabbiet Ħad-Dingli. Ħadet l-Edukazzjoni tagħha fl-iskola Primarja tal-lokal, u r-Rabat, u dik Sekondarja f' St. Theresa Grammer School fl-Imdina.

Minn hemmhekk, hija bdiet il-kors tan-Nursing, u ħadmet fil-kariga ta' SRN fl-isptar San Luqa, sakemm iżżewġet lill-Joseph. Huma għandhom żewġt itfal, Kenneth ta' 24 sena u Liliana ta' 21 sena.

Preżentament, Mary hija mpjegata 'full time' fl-isptar San Vincenz de Paule.



*Mary Gambin*
*Seg. Finanzi*

## GĦALL-INFORMAZZJONI TAL-MEMBRI

L-uffiċini tal-MUMN, li jinsabu fi Vjal Kottoner il-Fgura, qiegħdin ikunu miftuħin kif ġej:
**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn is-7:30 a.m. - 12:30 p.m. u bejn is-1:30 p.m. - 4.00 p.m.**
Importanti, li kull min ikollu bżonn jikkuntatja lil Union, jista' jagħmel dan billi jċempel 802062. Is-Sur Joseph Zammit, huwa l-Office Administrator tal-Union.

**http://www.geocities.com./HotSprings/Spa/4773/MUMN.html**
**E-mail: mecos2@geocities.com**

# SHARPS

## SAFE HANDLING OF SHARP INSTRUMENTS



*Noel Abela*
*Infection Control Nurse*

Sharp instruments frequently cause injury to health care workers and are a major cause of transmission of blood-borne viruses such as Hepatis B, Hepatitis C and HIV. Sharps include needles, scalpels, broken glass or other item that may cause a laceration or puncture.

The risk of acquiring Hepatitis B is very high between 7 - 30% when sustaining a needle stick injury from a known carrier whilst that of HIV is much lower than Hepatitis B that is approximate 0.3 to 0.5% and for Hepatitis C it is about 3.5%.

Injuries often happen after use but before disposal, for example during re- sheathing or whilst being carried to a sharp container.

Re-sheating of a needle is particularly dangerous because if the needle misses the sheat it will puncture the hand holding it. If re-sheating is necessary such when using the vacutainer system, it is important to use the re-sheating device present on the sharp container.

Other factors commonly responsible for causing needle stick injuries include: leaving used sharps on trolleys or beds after use, leaving lancets for blood glucose testing on locker tops, discarding sharps into plastic waste bags and careless assembly or closure of sharp bins, which subsequently break open during transport.

It is equally important that whenever a health care worker sustains a needle stick injury he or she should report at once at the Infection Control Unit, so that the necessary actions are taken, especially if the source is known to be positive for Hepatitis B, C or HIV or the health care worker is not vaccinated against Hepatitis B.

It is very important that every health care worker should be vaccinated against Hepatitis B.

This service is available at the clinic of the Infection Control Unit, situated at the 4th floor at Karen Grech Hospital and opens every Friday between 10.00am and MD.

The following principles must be adopted when handling sharps:

• Needles must never be re-sheated otherwise use re-sheating device.

• Sharps must be discarded immediately and not left lying around.

• A sharp container must be always carried, at the point where sharps are to be used.

• They should not be passed by hand between staff. The bins must never be more than 3/4 full, sharps protruding can cause needle stick injuries.

• Sharps containers must be sealed well when full.

• Sharps containers which are used must be kept in safe place where members of the public will not have access to them especially in the children's ward.

**Management of a Health Care Worker when sustaining a Needle Stick Injury:**

First of all, before reporting to our unit, it is very important that at first aid measures the following must be done:

**I** Encourage bleeding by squeezing

**II** Wash thoroughly with soap and water

**III** Cover with a waterproof dressing

Baseline investigations from the H.C.W for HbSag, Hep. C and HIV are taken to check the status of the H.C.W. If the source is known the unit will contact the ward to check if the doctor in charge can arrange for a blood sample to be taken from the patient. The consent of the patient has to be asked before taking blood for these tests. If the H.C.W has taken the full course of Hep.B and the patient has no history of Hep.B or jaundice, a booster dose of Hep.B is given. If the H.C.W is not immunised against Hep.B, HBIG or an accelerated course of Hep.B may be required depending on the individual circumstances. There is no available vaccine for Hep.C.

An accident report form and injury on duty report , is filled by the Infection Control Unit. If the H.C.W sustains a needle stick injury from a known HIV patient, he must report at once, since HIV prophylaxis has to be given within 1 hour of injury. A policy on NSI has been published and a copy is available in each ward in Infection Control manual. It is very important that all H.C.W's read the policy and the other policies in the manual so that every one will be updated on Infection Control.

Anyone requesting further information about NSI or on other subjects about Infection Control, can call the unit on Ext. 1747.

# MIS-SEGRETARJU ĠENERALI




RAPPORT MIS-SEGRETARJU ĠENERALI

Għeżież ħbieb,

Dak li rrid nibda bih illum, ma jistax ma jkunx kliem ta' ringrazzjament għall-appoġġ tagħkom u għall-fiduċja li wrejtu meta attendejtu bi ħġarkhom bil-mijiet għall-laqgħa li din l-Union sejħet, nhar it-Tlieta, 28 t' Ottubru, ġewwa l-Istitut Kattoliku. Hija l-ewwel laqgħa ta' din ix-xorta li Nurses u Midwives qatt attendew għaliha daqshekk bi ħġarhom u fin-numru. Darb'oħra żgur li jkollna nsibu sala akbar għaliex mhux il-gost tagħna naraw nies bil-wieqfa avolja s-sala mdaqqsa mhux ħażin. Din l-attendenza bagħtet sinjali ċari lil kull minn kellu jirċevihom. Kienet l-ewwel laqgħa wara l-kisba ta-Sole Recognition u intom tajtu risposta bl-appoġġ tagħkom lil kull minn allega li din il-Union ma kienx hawn bżonna, jew li dħaltu membri għax gejtu mġgħielha tidħlu bilfors. Jien min hawn nistieden lil kull Nurse u Midwife biex mhux biss jidħlu membri iżda wkoll jagħtu daqqa t'id fit-tmexxija. Basta li dak li jkun, ikollu għan wieħed f'moħħu, dak li jġib il-quddiem lill dawn iż-żewġ professjonijiet. Minn għandu f'moħħu interessi oħra li jiġu qabel dawk li semmejt jien, ngħidlu li post f'din l-Union, sakemm jibqa' dan l-Eżekuttiv m'hawnx post għalih.

Meta sena ilu sejjaħna l-ewwel laqgħa f'Ħaż-Żabbar, konna wegħedna, li qabel ma nressqu u nidiskutu l-proposti tar-riforma, nagħjtu laqgħa straordinarja biex naraw jekk intom taqblux ma dawn il-proposti. Avolja aħna nkunu ktibna dak li tgħidulna intom matul is-snin, aħna xorta nħossu li ma jkunx xieraq jekk qabel niddiskutu dawn il-proposti ma jgħaddux mill-approvazzjoni tagħkom. U dak li nwegħdu aħna dejjem inwettquh.

Wegħda kbira oħra li żammejna hija dik li fi ftit żmien se niksbu s-Sole Recognition. Din hija ferm importanti u se taraw fil-futur kemm dan ser issarraf. Kien ilu jinħass il-bżonn li n-Nurses għandu jkollhom Union li tappartjeni lilhom u dawk li jmexxu ikunu Nurses li jifmhu malajr il-problema kemm ta' l-amministrazzjoni kif ukoll tan-Nurses li jaħdmu fis-swali. Min hawn irrid inħeġġeġ li dawk il-ftit Nurses li l-bieraħ kienu jaħdmu fis-swali u llum qegħdin imexxu fl-isptarijiet biex jidħlu u jagħmlu parti minn din il-Union. Huwa mportanti li nkunu kollha magħudin. Il-Managers u d-Departimental Nursing Managers, illum qed jaraw li m'humiex fdati u xogħlhom qed jgħamluh dawk ġewwa l-Ministeru. Jistgħu jżebilħukhom aktar minn hekk? X'qed tistennew biex dan l-atteġjament nieqfulu darba għal dejjem? Minnkom jonqos !! Ftakru biss, li aħna lesti li ngħinukom. Illum il-ġurnata l-MUMN għandha s-Sole Recognition u dan ifisser li l-Gvern irid bilfors jinnegozja u jiftiehem mal Union tagħna biss.

Pass ta' ġgant sar ukoll fl-Isptar Zammit Clapp. Hawnhekk il-Union kisbet ukoll is-Sole Recognition mhux b'sempliċi maġġoranza assoluta iżda billi 90% tan-Nurses li jaħdmu ġewwa dan l-Isptar huma membri. Fi ftit ġranet oħra ser nibdew niddiskutu l- 'collective agreement' li ġie mħejji u diskuss man-Nurses li jaħdmu fl-istess sptar. Dan hu s-sabiħ ta' din l-Union, li jsir kollox bħala familja waħda, għaliex minn imexxi u minn hu membru għandhom l-istess xogħol u kundizzjonijiet u li biex jiftiehmu m'hemmx għalfejn ħafna paroli. Dawn il-proposti għal, 'collective agreement' se jgħollu l-fuq il-kundizzjonijiet u s-salarji tan-Nurses li jaħdmu f'dan l-Isptar.

Fil-futur qarib ser tisimgħu ukoll, li din il-Union sejra tikseb is-Sole Recognition fl-Isptarijiet privati wkoll. L-ewwel se tkun dik fl-Isptar San Fillipu, u wara fl-Isptar Capua Palace. B'hekk din il-Union ikollha r-rappreżentanza tal-maġġoranza assoluta ta' l-isptarijiet kollha. Aħna nemmnu li bejn l-isptarijiet tal-Gvern u dawk privati għandu jkun hemm tibdil ta' idejat, policies, u esperjenza. In-Nurses u l-Midwives għandhom ikunu liberi li jekk iħossu li għandhom bżonn bidla fl-ambjent jew fil-kundizzjonijiet ta' fejn jaħdmu, għandu jkollhom il-faċilità li jiċċaqalqu mingħajr ma jitilfu snin ta' sevizz li jkollhom



# ...mis-Segretarju Ġenerali

warajhom, kif ukoll m'għandhomx jitilfu l-flus dovuti lilhom maż-żmien. Iktar ma din il-Union tikber, aktar ikollha saħħa li tirranġa u ttejjeb dak kollu li għandu x'jaqsam man-Nurses u l-Midwives. Illum il-ġurnata għadna kemm qbiżna l-1,200 membru. Dan ifisser li l-MUMN għandha iktar minn tlett kwarti tan-Nurses u Midwives reġistrati, membri fi ħdana.

Sewwa sew wara li l-MUMN fetħet l-uffiċji tagħha fl-Isptarijiet ta' Monte Carmeli u f'Għawdex, issa jmiss li tiftaħ il-premises privati tagħha. Sakemm tirċievu dan il-ġurnal 'Il-Ġurnal', il-premises ikunu nfetħu uffiċjalment. Minħabba l- fatt li l-Union qabżet l-1,000 membru, ser ikollha persuna 'full-time' f'dawn il-premises. B'hekk l-MUMN, ser iżżid fl-organiżżazzjoni u għalhekk, l-operat tagħha ser jissaħħaħ aktar. Issa l-Union ser ikollha kollox miġbur f'post wieħed. Dawn l-uffiċini ser ikunu miftuħin mit-Tnejn sal-Gimgħa, mis-7.00am sa 12.30pm., u mis-1.30pm sa l- 4.00pm. Jekk ikollkhom xi problema tistgħu iċċemplu jew tattendu f'dawn il-ħinijiet. Barra dawn se jibdew ikunu miftuħin ukoll l-uffiċini li hemm fl-isptarijiet biex b'hekk aħna nkunu dejjem viċin tagħkom f'dak kollu li jkollhom bżonn.

Pass ieħor importanti huwa dan il-ġurnal li qed tirċievu fi djarkhom. Dan hu l-ewwel ġurnal magħmul min Nurses u l- Midwives għalihom infishom. Dan huwa mezz ta' komunikazzjoni li jagħqqad lil kulħadd flimkien. Però irridu naraw aktar parteċipazzjoni min għandkom, speċjalment fejn tidħol kritika u kummenti fuq dak kollu li tixtiequ taraw u taqraw. Irridu nħeġġu wkoll, lil dawk in-Nurses u Midwives li għamlu xi 'paper work' biex jaqsmuha ma l-oħrajn permezz ta' dan il-ġurnal tagħna.

Kif qed taraw l-Eżekuttiv u s-Sotto Kumitati kollha m'humiex idejhom fuq żaqqhom. Qegħdin naħdmu għax dak kollu li nagħmlu se jitgawda minnha lkoll. Kunu lesti u żommu għajnejkom u widnejkhom miftuħin, għal dak kollu li ngħidulkom biex flimkien niksbu dak li ilna lkoll noħolmu fuqu.

Qabel nagħlaq irrid nawgura lilkom u l-familji tagħkom il-Milied hieni u ferrieħi u Sena Gdida mimlija ġid, risq u kuntentizza. Tinsewx li għandna naħsbu f'minn hu inqas ixxurtjat minna. Saħħa u grazzi.



# SUPPLIMENT FL-OKKAŻJONI TAL-FTUĦ UFFIĊJALI TA' L-UFFIĊĊJU ĊENTRALI TAL-MALTA UNION OF MIDWIVES AND NURSES



*Is-Sur Colin Galea (Segretarju MUMN), is-Sinjorina Antoinette Calleja (Presidenta Onorarja), Dr. Alfred Sant Prim Ministru u Fr. Joseph Saliba, Kapillan tal-Fgura waqt it-tberik ta' l-uffiċċju ċentrali.*

# IL-FTUĦ UFFIĊJALI TA' L-UFFIĊINI TAL-MUMN

Kien ilu jinħass il-bżonn, li n-Nurses ikollhom Union li verament tirrapreżenta l-interessi tagħhom. Dan deher biċ-ċar, meta daqs 4 snin ilu, ġie ffurmat 'Pressure Group', biex iġiegħel liż-żewġ Unions li kienu jirrappreżentaw lin-Nurses jistembħu biex minnufih jibdew it-taħdidiet ma'l-Awtoritajiet konċernati rigward ir-riforma tan-Nurses. Għalkemm bir-riforma tal-1991 s-salarji tan-Nurses tjiebu, kundizzjonijiet oħrajn rigward xogħol, baqgħu ħżiena. Għalhekk inħass il-bżonn li n-Nurses ikollom Union verament tagħhom, Union li verament tħares l-interessi tal-membri tagħha.

Kien eżattament sena'u nofs ilu, li numru ta'Nurses avviċinaw lill Union tal-Midwives dwar il-possibilita'li n-Nurses u l-Midwives jammalgamaw f'Union waħda. Hekk ġara, u twieldet il-Malta Union Of Midwives and Nurses. (MUMN)

L- ewwel laqgħa Ġenerali għall Midwives u n-Nurses, saret fid- 19 ta'Settembru 1996, ġewwa Ħaż Żabbar. Min hemm il-quddiem, l-Union bdiet kuljum iżżid fil-membri tagħha. Il-kumitat preżenti, ġie approvat permezz ta'elezzjoni waqt il-laqgħa Ġenerali għall membri f'Marzu li għadda. Il-kumitat, li ġie elett għall tlett snin, mill ewwel beda l-impenn sabiex fost ħafna affarijiet oħra utili, l-Union ikollha l-uffiċini tagħha, fejn kull membru jkun jista jiġi moqdi b'kumdita'. Grazzi għall ħidma kontinwa, l-membri jistgħu jiftaħru li għandhom uffiċini moderni magħmra b'dak kollu li jenħtieġ, u li joffri servizz matul il-ġimgħa fil-ħinijiet normali ta'uffiċċju.

Il-ftuħ uffiċjali sar nhar is-Sibt 22 ta'Novembru 1997, mill Onor.Prim Ministru, Dr. Alfred Sant, u s-Sinjur a Antoinette Calleja, President Onorarja tal-Union. Mistednin distinti oħra għal din l-okkażjoni, kienu l-Ministru tas-Saħħa, kura għall anzjani u affarijiet tal-familja, Dr.Michael Farrugia, is-Segretarju Parlamentari għall kura ta'l-anzjani Dr. Louis Buhagiar, l-Onor. Kap ta'l-Oppożizzjoni Dr. Eddie Fenech Adami, u shadow Minister għas saħħa Dr. Louis Deguara, u l-viċi Sindku tal-Fgura, is-Sur Alfred Calleja, flimkien ma mistednin oħrajn.

B'sodisfazzjon, l-MUMN għandha preżentement il-fuq minn 1,200 membru msieħba magħha, u hija kburija li tgawdi s-'Sole Recognition'għall Midwives u n-Nurses fis-settur pubbliku. Dan żgur huwa Awgurju sabiħ għall-Professjoni tal-Midwives u n-Nurses f'Malta u Għawdex, li llum għandhom Union li verament kapaċi taħdem biex ittejjeb u tħares l-interessi tagħhom. Ħadd daqs il-Midwives u n-Nurses infushom, ma jista'jifhem il-problemi li jiltaqgħu magħhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

# SUR COLIN GALEA

## *Segretarju Ġenerali MUMN*




Is-Sur Galea, beda biex qal li din il-Union, hija l-estensjoni tal-Malta Union of Midwives u fejn numru ta' Nurses daħlu fi ftehim mal-Midwives biex isiru membri f'Union waħda. Huwa spjega, li meta wieħed janalizża li 78% tan-nurses u l-Midwives huma reġistrati membri f'din il-Union, u li dan kollu sar f'erbatax il-xagħar, jixhed il-fatt li din il-Union verament kien hawn bżonnha. "Din il-Union, ma tħaddan l-ebda kulur politiku, u l-uniku nteress li għandha huwa dak, li ġġib il-quddiem lin-Nurse u lill-Midwife, f'kemm dawk li huma riformi u kundizzjonijiet ta'xogħol, kif ukoll f'dak li huwa tagħlim u preparazzjonijiet oħra li jagħmlu din il-Union waħda Professjonali," tenna s-Sur Galea.

Hawnhekk huwa spjega kif l-MUMN, toffri oqsma li dawn, bla dubju ta'xejn iġiegħlu lill Union tkun qrib il-membri tagħha permezz ta'l-Eżekuttiv, is-Sotto Kumitati, li dawn ta'l-aħħar huma mwaqqfa f'kull sptar ... anke f'dawk Privati. Huwa kompla li minbarra ż-żewġ uffiċini li l-Union għandha fl-isptar Monte Carmeli, u f'dak Ġenerali t'Għawdex, ser jiżdiedu wkoll uffiċini oħra f'kull sptar, speċjalment fl-isptar San Luqa u San Vincenz de Paule, biex b'hekk tkompli tissaħħaħ il-vuċi tal-ħaddiem.

Is-Sur Galea sostna li l-MUMN thoss, li għalkemm hija ħadet deċiżjoni li ma tingħaqad ma l-ebda, miż-żewġ blokki Trejdunjonistiċi, hija ma għandiex tiġi skartata mill Gvern, fejn jidħlu Konsultazzjonijiet fuq livell Nazzjonali, bħal ma kien ġara fit-taħdidiet ta'qabel l-introduzzjoni tat-taxxa l-ġdida. Rigward il-kumitat li ġie mwaqqaf fuq il-proġett ta'l-isptar f'tal-Qroqq, huwa qal li n-Nurses ser ikunu l-ikbar numru ta'ħaddiema, u fost l-iktar importanti, għalhekk kif fuq dan il-kumitat ġiet involuta l-Union tat-Tobba, kellha wkoll tkun tagħmel parti mill-kumitat l-MUMN. "Irridu nibdew nistmaw lin-Nurse u lill Midwife, u nħarsu lejhom b'lenti Professjonali, u mhux b'ħars ta'xi kategorija nferjuri min xi oħra."

Is-Sur Galea temm d-diskors tiegħu billi stqarr li kieku n-Nurse u l-Midwife kellhom jagħmlu dak li hu xogħolhom, żgur li din tkun waħda mit-tlett soluzzjonijiet biex jittaffa għall kollox in-nuqqas ta' Nurses.

# SINJURA ANTOINETTE CALLEJA
## *President Onorarja MUMN*



Is-Sinjura Calleja, li wkoll hija l-Fundattriċi tal-Malta Union Of Midwives, bdiet billi wriet is-sodisfazzjon tagħha għall din it-'Trade Union'. Hija qalet li permezz ta'din il-Union, "Nistgħu nkomplu ntejbu s-servizzi offruti minna lkoll għall ġid tal-pazjenti tagħna". Fissret ukoll, li t-Trade Unions, għandhom jiffurmaw l-qafas ta'kull organiżżazzjoni. Is-Sinjura Calleja enfasiżżat id-diskors tagħha fuq tlett messaġġi;

L-ewwel messaġġ kien indirizzat lejn il-kunsill ta'din it-Trade Union, fejn saħqet li hemm il-bżonn li tkompli tingħata prijorita'u li jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet edukattivi tal-Midwives u n-Nurses. Hawnhekk hija rreferiet għall-'Conversion Course', fejn Enrolled Nurses jingħatalhom iċ-ċans biex isiru Registered Nurses, u wkoll rreferiet għall 'courses' oħrajn fejn, 'Nurses jew Midwives, ikunu jistgħu jkomplu jsaħħu l-esperjenza tagħhom f'xi qasam ta'kura partikolari bil-backing akkademiku." Hija wriet ukoll x-xewqa li l-Midwives u n-Nurses, ikunu rejalistiċi fit-talbiet tagħhom.

Messaġġ ieħor kien indirizzat lejn dawk kollha li jiffurmaw parti mill Management ta'xi organiżżazzjoni jew oħra, u lill Politikanti. "Għarrfu wżaw din il-Union bħala waħda mill għodda biex tgħinkom ittejbu s-servizzi tas-Saħħa. Ejjew ma noqgħodux ninħlew, naraw kif ser nikkrejaw l-illużjoni li qiegħdin ninkludu lill din il-Union fid-deċiżjonijiet, imma ninkluduha tassew."

L-aħħar mesaġġ kien indirizzat lill-membri tal-MUMN, fejn xebħet din it-tifsira ma dak li kien ħareġ minn f'omm Kennedy, "Ikun aħjar jekk nistaqsu aħna, x'nistgħu noffru lill din il-Union milli x'nistgħu nieħdu." Hekk temmet id-diskors tagħha is-Sinjura Calleja.



Il-Prim Ministru, L-Onor. Dr. Alfred Sant u s-Sinjura Anoinette Calleja wara kxif tal-lapida li tfakkar il-ftuħ uffiċjali

# IS-SUR RUDOLPH CINI

## *President MUMN*



Is-Sur Cini, beda billi esprima s-sodisfazzjon tiegħu għall fatt li biss wara sena u xagħrejn, minn mindu din il-Union bdiet tieħu fi ħdana l-ewwel membri, illum qed jiġi nawgurat l-uffiċju ċentrali għall l-istess Union. Huwa kompla, li dan sar bil għaqal u mingħajr ma kellha tiġi avviċinata għajnuna finanzjarja barranija. "Bil-għaqal utilizzajna tajjeb il-miżati tal-membri tagħna, biex propju qed ikollna uffiċini adattati,"sostna s-Sur Cini. Hawnhekk irrefera wkoll għall appoġġ sħiħ li qed tgawdi l-Union, fi żmien relattivament qasir b'maġġoranza assoluta tan-Nurses u l-Midwives, kemm fl-isptar Zammit Clapp fil każ tan-Nurses, kif ukoll fis-settur pubbliku fil-każ tal-Midwives ukoll. Is-Sur Cini ħabbar li anke fl-isptar St. Phillips u l-Capua, l-istess maġġoranza mistennija tintlaħaq ukoll. "B'dan il-mod, inkunu l-Union li verament tirrappreżenta lill dawn il-ħaddiema b'tali mod li l-kelma Nurse, u l-kelma Mid-wife, tkun sinonima għall-MUMN."




Tkellem imbagħad rigward il-burokrazija li ddejjaq ħafna lill istess Union, fejn timpedixxi ċertu azzjonijiet u affarijiet oħra amministrattivi fid-Dipartiment tas-Saħħa. Hawnhekk s-Sur Cini, rrefera għall;

- **i.** Conversion Course, li għadu stagnat u għadu ma bediex.
- **ii.** Nurses u Midwives li jigradwaw, u ma jiġux impjegati fissi mad- Dipartiment, avolja hawn in-nuqqas.
- **iii.** L- ingaġġ ta'Nurses minn barra.

Is-Sur Cini kkummenta fuq din ta'l-aħħar u għamilha ċara li, "Sa mill bidu nett, aħna bħala Union, għamilnieha ċara li ma naqblux, li s-soluzzjoni tan-nuqqas, għandha tkun billi ningaġġaw Nurses minn barra ... u hekk nibqgħu ngħidu." Is-Sur Cini kompla billi qal li l-Union hija persważa, li bl-ingaġġ ta'dawn in-Nurses, jinħolqu problemi ta'lingwa, kultura u komunikazzjoni. "... nemmnu wkoll, li għad hemm spazju miftuħ, ta'kif nistgħu nirranġaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol, billi nattiraw iżjed żagħżagħ Maltin biex jibdew din il-Professjoni." Is-Sur Cini, kompla, "Bħala Union konna prudenti, qed nużaw il-paċenzja, pero'nappella lill Gvern, li l-paċenzja tagħna għandha l-limiti wkoll, u għalhekk inħeġġeġ biex mill aktar fis possibli, ladarba naqblu li hawn in-nuqqas, ejja nibdew it-taħdidiet."Huwa qal, li l-proposti ntbagħtu fejn kellhom jintbgħatu, min naħa tal-Union, u kienu mmirati biex iħajru żagħżagħ jibdew il-Professjoni fin-Nursing u l-Mid-wifery, kif ukoll oħrajn li huma kkwalifikati imma mhumiex jipprattikaw ġew imħeġġa biex jiġu lura. Il-President, għalaq billi talab biex isiru laqgħat ta'diskussjoni, u biex jiġu diskussi l-proposti li qed tressaq l-istess Union, sabiex l-problema tan-nuqqas, tkun waħda tal-passat.

# L-ONOR. MINISTRU TAS-SAĦĦA DR. MICHAEL FARRUGIA



Il-Ministru beda d- diskors tiegħu billi feraħ lill għaqda MUMN, illi fi żmien qasir, irnexxielha tgħaqqad grupp konsiderevoli ta'Nurses u Midwives flimkien. "Tajjeb ukoll wieħed ifakkar, li ftit jiem ilu, għadu kif ħadu r-rikonoxximent bħala Union illi tirrappreżenta lill Midwives u n-Nurses, u ta'dan insellmilhom u nixtieqilhom iktar ħidma għall futur." Hawnhekk, Dr.Farrugia qal, li ħafna drabi ltaqa ma rappreżentanti tal-Union fejn anke tkellmu fuq diversi setturi, fejn ukoll semma xi numru ta'riżultati permezz ta'dawn il-laqgħat.

Il-Ministru semma x-xogħolijiet li qed isiru biex jitħajru aktar żagħżagħ biex jagħżlu n-Nursing jew il-Midwifery bħala Professjoni. Hawnhekk issemmiet ukoll it-'Trade Fair,'kif ukoll diversi postijiet oħra li jattiraw studenti lejn l-'Institute of Health Care,'fejn ħabbar ukoll żieda ta'14%.

Dr.Farrugia, tkellem rigward il-Conversion Course, fejn qal, "Tajjeb inħabbrilkom ukoll, illi appuntu f'dawn l-aħħar jumejn, għadni kif iffirmajt biex ir- riżultati jmorru quddiem il-Public Service Commossion, ħalli appuntu nkunu nistgħu nibdew il-proċ ess neċessarju, ħalli l-'Conversion Course,'ikun jista jibda."

Semma wkoll kuntatti ma barra, fejn Nurses ikunu jistgħu jieħdu esperjenza b'mod speċjali f'ċertu setturi. Kompla li qed issir ħidma ma l-Universita'ta'Nottingham, biex tintlaħaq koperazzjoni mal IHC. B'dan il-mod, stqarr Dr. Farrugia, nkomplu ngħollu l-livell tat-tagħlim.

Saħaq fuq xogħol li sar ġewwa l-isptar Monte Carmeli, fejn wara konsultazzjonijiet mal MUMN, issemma li triq partikolari kienet ta'periklu għall kull min jagħmel użu minnha. "Ressaqt il-proposta tiegħi mal-Ministru tax-xogħolijiet, u tajjeb li nħabbrilkom, li s-sengħa d-dieħla ser jintefaq u ser isir proġett ta'LM150 000, min naħa tal-'Works Dept.,'ħalli dak il-periklu illi jeżisti hemmhekk .... tiġi solvuta."

Il-Ministru saħaq li bejn il-Gvern u l-Union, dejjem għandu jkun hemm diskussjonijiet, b'mod speċjali issa, li l-Union tirrapreżenta lill-maġġoranza tal-Midwives u n-Nurses, dwar it-tibdil kollu li ser ikun hemm. Dr.Farrugia ħabbar li ftit taż-żmien ieħor ser isir xogħol fuq tibdil neċ essarju tat-tmexxija tal-Out Patients, "Rajna kemm verament in-Nurses jagħmlu verament xogħolhom, u sibna illi huwa faċilment, illi b'deployment aħjar, ikun hemm numru ta Nurses illi jistgħu jagħmlu xogħol ieħor, f'post ieħor u mhux l-Out Patients." Huwa kompla li qed jaraw jekk skond esiġenzi tal-post, għandux ikun hemm Nurses jaħdmu f'postijiet fejn ma jitlobx bżonn ta'Nurse. Dan il-proċess, kompla il-Ministru, beda fl-isptar Boffa u fl-isptar Monte Carmeli, u ser jiġi estiż għall isptar Craig ġewwa Għawdex. Fil bidu tas-sena d-dieħla, fl-isptar San Luqa. Permezz ta'dan, skond Dr.Farrugia, "...Nistgħu bi tqassim aħjar, inkunu nistgħu nutilizżaw ir- riżorsi li għandna aħjar, u b'hekk tnaqqas iċ-ċans illi jkun hemm għalfejn wieħed iġib Nurses minn barra." Huwa stqarr li jekk jiġu barranin, jiġu biex iħarrġu lin-Nurses Maltin, li jkunu qed jaħdmu magħhom, imma għall perjodu temporanju, mhux għall żmien twil.

Dr. Farrugia għalaq billi qal li x-xogħol tan-Nurses u l-Midwives huwa delikat, u sensittiv, u li ħafna nies, għalkemm jeżisti nuqqas, iħarsu lejh b'għajn tajba. Dan jixhdu mir-rapporti li jirċievi min nies .

# L-ONOR. PRIM MINISTRU DR. ALFRED SANT



Dr.A.Sant beda d- diskors tiegħu billi feraħ lill MUMN għax-xogħol li għamlet tul din l-aħħar sena, u anke tas-suċċess li din il-Union kisbet. Huwa spjega kif ix-xogħol li jagħmlu l-Midwives u n-Nurses, huwa xogħol essenzjali fil prattika tas-Saħħa ta'pajjiżna. B'danakollu, ħuwa stqarr li x-xogħol tagħhom mhuwiex rikonoxxut biżżejjed, pero'jemmen, li bl-okkażjoni uffiċjali tal-ftuħ, jingħata rikonoxximent ċar lejn dan il-qasam, fil-ħidma tal-Midwives u n-Nurses. Dr.Sant enfasizza, li l-għan ewlieni f'dan il-qasam mal-oqsma kollha tas-Saħħa, huwa li joffru l-aħjar servizz lill-pazjent. "Bħal dan iż-żmien, aktar u aktar allura tajjeb li nirriflettu fuq kif nistgħu naħdmu lkoll flimkien ħalli ntejbuh, dan is-servizz, dan is-sehem li qed nagħtu."

Il-Prim Ministru rrefera għad diskors li għamel iktar kmieni il-President tal-MUMN, is-Sur Cini, rigward suġġerimenti fejn rappreżentanti tan-Nurses u l-Midwives, jingħataw spazju aħjar biex ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-ħidma li trid issir, sabiex jitjieb s-servizz li jingħata lill-pazjent. "Kont sensittiv għall punt, li għandna nikkunsidraw lill Midwives u n-Nurses ... għandna nagħtuhom spazju aħjar biex anke huma jagħtu l-kontribut tagħhom fil-ħidma li qed issir biex l-isptar il-ġdid f'tal-Qroqq, anke huma jkunu qiegħdin jipparteċipaw fil-ħidma, fix-xogħol li qed isir ħalli dak l-isptar jimxi l-quddiem. Il-Gvern għandu wkoll, jikkunsidra dan il-punt u għandu jikkunsidra, li bl-istess mod, u fl-istess direzzjoni kif l-għaqda tat-tobba tipparteċipa fil-ħidma li qed issir, ħalli jkollna sptar mill aħjar f'tal-Qroqq, anke b'mod uffiċjali n-Nurses u l-Midwives, permezz tar- rappreżentanti tagħhom, ikollhom huma wkoll 'input', sehem organiku fix-xogħol li qed isir għax huwa mportanti li meta jkollna l-isptar il-ġdid, mhux biss sempliċiment ikollna l-bini u atrezzi, imma jkollna wkoll sistema ġdida ta'tmexxija."

Dr.Sant, żied jgħid li jekk dak li qed isir f'tal-Qroqq qiegħed jirrappreżenta bini ġdid li fih ikun hemm għaddejjin l-istrutturi ta'tmexxija antika li hemm f'St.Luke's, ikun qed isir xogħol għal xejn, u flus fil-ħela, u jkun qed isir dak kollu li mhux meħtieġ. Dr.Sant qal ukoll, li biex ikollok Management aħjar, mhux kemm tinvesti f'atrezzi, imma li tinvesti permezz tal-parteċipazzjoni ta'kull min għandu x'jaqsam ħalli jkollna Management u tmexxija aħjar, b' 'input' Professjonali. "Jiena nappella, anke lill dawk kollha li għandhom dan is-sehem x'jagħtu, biex jagħtu s-sehem tagħhom, u minn naħa tagħna bħala Gvern, aħna disposti mija fil-mija fil-mixja li nikkunsidraw dawn l-opportunitajiet, dawn il-possibilitajiet, ħalli tabilħaqq meta nkunu qed nimxu l-quddiem fil-provista tas-servizz tas-Saħħa, nkunu qegħdin naslu għal titjib kwalitattiv."

Dr.Sant għamilha ċara, li l-Professjoniżmu ma jfissirx biss gradi Universitarji, imma hemm Nurses u Midwives, illi permezz tal-prattika sħiħa tagħhom li tgħallmu matul is-snin, għandhom jagħtu bi kbir. 'Min naħa tal-Gvern, jirrikonoxxi dak kollu li jagħmlu n-Nurses u l-Midwives, u dan jingħata s-saħħa u leħen, ħalli tabilħaqq inkunu qiegħdin naħdmu lkoll kemm aħna fl-interess tal-pazjent," temm igħid Dr.Alfred Sant.

Wara d- diskorsi, sar it-tberik ta'l-Uffiċini minn Fr. Joseph Saliba u eżattament wara l-kxif ta'l-irħama mill Onor.Prim Ministru Dr.Alfred Sant u l-President Onorarja s-Sinjura Antoinette Calleja.

Dan kollu ġie segwit minn riċeviment għall-mistednin preżenti f'ġieħ din il-ġurnata storika.

**Introduzzjoni tas-Suppliment:**
**Norbert Debono**

**Rapport tal-Kelliema:**
**Tonio Pace**

**Ritratti:**
David Attard u Marianne Abela

*Uħud mill-mistednin li attendew għall-ftuħ tal-uffiċċju ċentrali ta' l-MUMN fosthom il-Kap ta' l-Oppiżżjoni Dr.Eddie Fenech Adami.*








*Is-Sur Colin Galea jagħti rigal ta' tifkira lis-Sinjorina Salvina Camilleri bħala l-elf membru ta' l-MUMN.*




## ANTOINE AUTO DEALER

### Authorised Sub-Agent for
### Peugeot Cars & Dealer of Second Hand Cars

At Antoine you get:

A: The best conditions available on Part exchange for new and used cars in Malta

B: Second hand cars under 5 years are guaranteed

C: H.P. Terms given up to 60 months for cars under 5 years, and up to 36 months for second hand cars over 5 years old.

**On certain cars we offer sales without Deposit.**

At Antoine Auto Dealer deals have no match

All matters are dealt with care and your needs and peace of mind come first.

**ĦAL-TARTANI STREET, RABAT, MALTA**
**TEL: 450527 MOB: 097 6630**

Mannarinu Caterers

# *Mannarinu Caterers*

SPECIAL OFFER

**ST. JOHN STR. VALLETTA TEL: 245080**
**P.P. MIFSUD STR., ĦAMRUN TEL: 238172**

# X'SAR F'DAWN L-AĦĦAR XHUR

### Sptar San Luqa

a. Wara diskussjonijiet fit-tul ġew approvati l-proposti ta' din l-Union biex in-Nurses u l-Midwives kollha jkollhom entrance ticket kulurit biex speċ jalment bil-lejl insibu fejn nipparkjaw.

b. Ġew milqugħin ukoll il-proposti li din l-Union għamlet biex jittranġa l-mess fejn jieklu l-istaff. L-Union talbet biex ikun hemm titjib fl-ikel, fil-post u fis-servizz. Aktar dettalji jingħataw il-quddiem.

c. Nifirħu lis-Sur Frans Ripard, Manager Nursing Service għal ħatra l-ġdida tiegħu. Aħna nwegħdu l-koperazzjoni tagħna, għall-gid ta' l-impjegat kif ukoll dak tal-pazjent. Fl-istess nifs nirringrazzjaw lil Ms. Nikolina Farrugia, Direttriċ i tan-Nurses għax-xogħol siewji u fejjiedi li għamlet u nawgurawlha fix-xogħol veru tagħha li għalkemm ilha mlaħħqa minn Diċembru issa se tkun tista taqdi aħjar il-kariga tagħha.

d. Għaddejjin diskussjonijiet biex l-istaff ta' l-ITU ikollu 'changing room' sura ta' nies. Ma jistax ikun li n-Nurses irgiel ibiddlu f'gabuba li magħha għandha l-irwejjaħ tat-Toilet u kull riha oħra.

e. Għaddejjin diskussjonijiet għoljin biex titranga l-problema tat-trasport lura ta' l-Għawdxin. Għandna f'moħħna li nikkonkludu fi żmien qasir.

f. Hemm bżonn li jiġu rranġati malajr innuqqasijiet li jeżistu f'Karin Grech Theatre. Trid tara biex temmen !! Qegħdin nistennew risposta fuq dan ir-rigward.

g. Ma jistax ikun li speċjalment fl-MS3, mhux talli qegħdin inlaqqtu l-mard, iżda qegħdin ukoll nitilfu l-flus. Ms. N. Farrugia u s-Sur E. Bezzina fehmu u qablu mal-Union u issa qedgħin nistennew risposta mil-Head Office.

h. L-MUMN nehdiet Survey ġewwa s-swali tas-Surgical biex nieħdu feed back mill-istaff fuq il-problemi pendenti li jeżistu fis-surgical Wards.

I. Bdiet ir-roster BBO għan-Nursing Officers u l-Midwifery Officers biex b'hekk jonqos il-livell ta' stress minn fuq dawn l-impjegati.

j. Ġiet solvuta problema fic-chest Clinic, fl-Out Patient's Dept.

k. Ġiet milqugħa t-talba tal-Union biex kull clinic fl-Out Patient's Dept. ikollha d-disposable towels għal fuq il-couches biex jiġu mibdula wara kulll pazjent.

l. Diskussjonijiet dwar is-sitwazzjoni fil-Gynae Minor Operating Theatre.

m. Ktibna lil Ombudsman rigward l-inġustizzji li saru fl-aħħar promozjonijiet.

### Residenza San Vincenz de Pauli

a. Laqgħa ma' l-awtoritajiet rigward it- Temporary Absence, l-Overtime u shortage of staff.

b. Laqgħa oħra rigward it-trattament ħażin li qed jingħata lill-impjegati rigward id-dining rooms.

c. Ktibna l-Ombudsman u l-Prim Ministru fuq l-inġustizzji li seħħew fil-promotions li saru l-aħħar.

### Sptar Monte Carmeli

Is-Sotto kumitat kellu laqgħa ma' Dr.Saliba, Direttur tal-Psikjatrija, fejn fil-laqgħa ġew diskussi l-ilmenti tan-Nurses waqt il-Ward Rounds. Il-laqgħa kienet kordjali ħafna. Id-Direttur fehem id-diffikultajiet li qed iħabbtu wiċċhom magħhom in-Nurses. Ġie deċiż li tinħareġ ċ irkulari għall-Consultants dwar il-Ward Rounds fejn jirrigwarda lin-Nurses u l-familjari tal-pazjenti. Iċ-ċ irkulari fil-fatt ħarġet. Kien preżenti wkoll għal din il-laqgħa is-Sur Joe Borg M.N.S.

Il-Kumitat ħa sehem fil-ġimgħa ta' attivitajiet dedikata lis- "Saħħa Mentali". Fil-ll t' Ottubru sar seminar fil-lukanda Forum "Aċċettani kif Jien" Il-membri tal-kumitat preżenti ħadu sehem attiv fil-workshop.

Saru arranġamenti ma' l-awtoritajiet, biex fl-aħħar Ħamis ta' kull xahar, jibqa' skrivan sas-7.00 pm, biex ikunu jistgħu jitħallsu in-Nurses li jkunu ta' bil-lejl.

Bi pjaċir inħabbru wkoll, li s-Sinjura Salvina Camilleri hija 1-elf membru tal- Union, għalhekk hija ngħatat rigal ta' kommemorazzjoni.

Taħdidiet ma l-awtoritajiet konċernati rigward il-laqgħa fis-Psychiatric Out Patients.

Saret laqgħa mas-sur Joe Borg M.N.S., fein ġew diskussi l-ilmenti tan-Nurses fein jirrigwadja l-overtime . Ġie diskuss ukoll l-ilmenti tal-Part-Timers u r-Relievers. Ġie deċiz li sakemm ikun possibli għandu jkun hemm rotation kemm tar-Relievers kif ukoll tal-Part-Timers, kif ukoll dawk li jkunu overtime. B'hekk dawn in-Nurses ma jaħdmux dejjem fl-istess swali. Ġie deċiz ukoll li tingħata prijorita li Nurse taħdem/jaħdem fis-sala tagħha/tiegħu meta jkun hemm lok ta' overtime.

**L-uffiċju tal-Union ikun miftuħ waqt il-ħin tal-Breaks, meta jkun possibli. Tel: 4725.**

### Sptar Zammit Clapp

a. Talba għat-twaħħil tan-Notice Board.

b. Qegħdin nistennew appuntament biex nibdew it-taħdidiet rigward il-'collective agreement'.

c. Talba biex isir 'Conversion Course' għal l-Enrolled Nurses f'dan l-isptar.

### Klinika fl-Ajruport

a. Ktibna l-awtoritajiet fuq tibdil ta' roster mill-ġurnata għal bil-lejl minflokk jitħaddem l-Overtime.

b. Talba biex in-Nurses f'din il-klinika ma jagħmlux dak li mhux xogħlhom.

### Gozo General Hospital

a. Diskussjonijiet biex tiġi rranġata sitwazzjoni fl-Out Patient's Dept.

b. Ftehim rigward ir-roster tan-Nurses fic-CCU.

c. Taħdidiet rigward ir-relievers ta' bil-lejl.



# ESPERJENZA




Bdejt fit-trejdunjonizmu meta kelli 24 sena bħala delegat, wara li kont nisma kollegi tiegħi fuq il-post tax-xogħol. Dawn kienu attivi ferm, min bħala membru fl-ezekuttiv, kif ukoll fuq ix- 'shop floor'.

F'dawk iz-zminijiet, 35 sena ilu, kien diffiċli li tiddiskuti ma l-awtoritajiet ta' l-isptar (MCH) fejn kont naħdem jien, għal dawn xi wħud minnhom kienu jgħidu li kienu 'allat'. Barra min hekk, dak iż-żmien Union waħda kienet tirrappreżenta lill-kategoriji kollha ta' l-isptar, allura kienu jinqalgħu ħafna konflitti, dwar ċertu 'claims'. Jien niftakar li xi żmien bħala 'shop steward' anke tan-'nursing staff' kien il-barbier ta' l-isptar, u dan kien jaqdi dmiru tajjeb ħafna, bħala rappreżentant tal-ħaddiema.

Wara xi ftit żmien ġo l-isptar M.C.H. ġie kompost kumitat magħmul mis-Supretendent ta' l-isptar bħala chairman, xi uffiċjali oħra ta l-isptar, u anke C.G.M.O. xi drabi kien ikun preżenti, kif ukoll ir-rappreżentanti tal-ħaddiema ta' l-isptar stess. Dan il-kumitat kien jiltaqa' ta' l-anqas darba fix-xahar, dan kien ikollu aġenda li tikkonċerna lill-istaff, eż. kundizzjonijiet tal-ħaddiema fis-swali, bħal rest rooms għal waqt il-ħin tal-breaks tal-ħaddiema, il-complaints ta' l-istaff fis-swali, fejn niftakar waħda minnhom kienet, li fl-ebda sala ġol-M.C.H. ma għandha tkun b'inqas minn żewġ nurses fl-ebda ħin. Anke meta jkun hemm xi membru, li jixtieq jibdel il-post tax-xogħol, eż. l-ward jew xi postijiet oħra peress, li konna nirrappreżentaw lill-kategoriji kollha. Il-membru kien jikteb u jagħti r-raġunijiet tiegħu lis-segretarju tal-board, jiġi diskuss u jekk jintlaħaq ftehiem jiġi moqdi.

Għaldaqstant f'dawk iz-zminijiet nistgħu ngħidu li kien hemm forma ta' partecipazzjoni li llum minkejja zminijiet progressivi ma jezistux, minkejja li f'kull sptar hemm 'Managment committee. Hawn nixtieq nistaqsi, għax ma hemmx raprezentanti f'dawn il-kumitati llum? Qatt ma ninsa l-famuż 'Confidential Report' li dan kien jikkonsisti fejn il-ħaddiem, li jista jkun nurse jew kwalunkwe ħaddiem ieħor, fil-file tiegħu jittniżlulu akkużi fejn dan ma jkun jaf kważi xejn dwarhom u jibqgħu mċappsa għal għomru. Kien hemm każi fejn, eż. meta nbidlet in-nomenklatura, minn Hospital Attendant ridna niġu Enrolled Nurses, membri konsiderevoli ta' Health Attendants, ġew miżmuma, u ma setgħux jieħdu din il-promozzjoni. Hawn b'xorti tajba kienet tbiddlet l-amministrazzjoni, u dik l-inġustizzja fuq insistenza tal-Union ġiet irranġata u b'hekk dawn ħadu l-promozzjoni.

Wieħed mid-drittijiet fejn l-impjegat għandu joqgħod attent, hu fejn tidħol id-dixxiplina. Meta membru jkollu xi każ qatt ma għandu jiffirma jew jagħmel xi statment qabel ma jgħarraf lil xi uffiċċjal tal-Union, għax xi drabi, jista' aktar jagħmel ħsara milli ġid u jkun diffiċli għar-raprezentant tal-union li jkun se jiddefendih sabiex jiprova jiskolpah. F'dan ir-rigward akkwistajt ħafna esperjenzi, peress li kont ġejt maħtur bħala membru fil-bord tad-dixxiplina tal P.S.C. fl-1973, meta kienet saret kostituzzjoni ġdida f'dan ir-rigward, kif għadha komposta sa llum. Wara din l-esperjenza u wara li kien għaddieli l-perijodu tiegħi minn fuq il-bord li kien ta' 3 snin, kienet eħfef għalija li niddefendi xi membri minn akkużi ta' dixxiplina, fejn b'sodissfazzjon ngħid, li f'ħafna każi marru favur l-akkużati.

Issa nixtieq ngħid ukoll li ċertu impjegati jinsew id-dmirijiet, u jħarsu biss lejn id-drittijiet. Pero' biex tirrappreżenta Union trid tkun responsabli u tħares ukoll lejn id-dmirijiet u mhux tagħlaq għajnejk, u kull ma tara x'se takkwista biss, iżjed u iżjed fix-xogħol tagħna in-nurses, għalkemm is-saħħa tal-pazjent, li fuq kollox għada tista' tkun int stess jew xi ħadd tal-familja tiegħek.

Irrid ngħid ukoll li tkun rappreżentant ta' sħabek huwa ta' sodisfazzjon, pero' b'dispjaċir ngħid li xi ftit min shabek (membri), mhux dejjem jarawk sabiħ, għax fejn ma jinqdewx, jew, għax ikunu stinati, ma jistgħux jifmhu li mhux dejjem ħafif takkwista dak li trid, u iżjed minn hekk, anke ssib min jaħseb li bħala rappreżentant tagħhom qiegħed takkwista xi ħaġa personali, ma japprezzawx is-sagrifiċċji li trid tagħmel bħal, eż. ħinijiet fil-laqgħat, ġiri minn post għall-ieħor. Wieħed għandu japprezza li anke fuq l-istess post tax-xogħol meta huma (l-membri) jkunu jagħmlu xogħolhom bil-kwiet ir-rappreżentant f'ħafna ħinijiet ikun, irid jipprepara għall xi 'claim' ta' xi membru jew membri ma l-istess uffiċjali ta' l-isptar jew post konċernat.

Għaldaqstant jiena nappella lill-membri sabiex ma joqgħodux iġibu d-dinja fit-tarf, anzi jikkoperaw ma l-uffiċjali tal-Union f'dan il-każ M.U.M.N., sabiex bl-għaqda ta' bejnietna nkomplu naħdmu għal ġid tan-Nurses u l-Midwives.

# The Future Role of the Maltese Midwife



*Margaret Abela*
*Manager Midwifery Services*

In Malta, Midwifery is a profession with a long his tory. As far back as the first quarter of the 17 cen tury the Protomedicus (Chief Government Medical officer ) issued regulations regarding the Midwifery profession. The midwife needed a licence to practice and this was issued by each successive C.G.M.O. (Cassar P.1978)

Formal teaching started in 1802, but the school was closed and opened again at different intervals. It was in 1915 that Midwifery education came under the auspices of the University of Malta and the 3 year course led to a Diploma of Midwife. Again there were ups and downs, and in 197O the post registration one year course in Midwifery was established. Presently direct entry Midwifery courses lead to a Diploma in Midwifery Studies. A lot of discussion is going on regarding the advantages and disadvantages of both the post registration courses and the direct entry courses. The well being of the mother and baby is a priority but the employability of the midwife has also to be considered. Any discussions and decisions taken must keep these important issues in mind.

All midwives are aware of the definition of a midwife which was adopted by the International Confederation of Midwives in 1972 and later adopted by the International Federation of Gynaecologists and obstetricians (1973 ) and the World Health organisation.

Amongst other things, this definition states that the midwife has an important task in health counselling and education, not only for the women but also within the family and the community (ICM 199O ). This is where I see the future of Midwifery in Malta- The Primary Health Care

Most of us have heard of the goal of the WHO 'Health for All by the Year 2OOO.' In 1984, all the member states, of the European region of WHO, including Malta, adopted 38 targets as their means of achieving optimum health for all their citizens. This has great implications for both midwives and nurses, and it gives them the opportunity to shape their future. The WHO emphasises that the focus of the health care system should be on Primary Health Care. This means ' meeting the basic needs of each community through services provided as close as possible to where people live and work, readily accessible and acceptable to all ' (WHO 1986 ) . This demands a reorganisation of the health care system .

Target 26-31 deal with primary health care and emphasises the important role of midwives and nurses. The WHO document " Targets for Health for All : Implications for Nursing / Midwifery " (1986 ), states that ' Primary Health Care Systems' will widen the content and locations of these professionals ' work ,their relations with patients and other health professionals and their ideas and definitions of themselves. It was clearly stated - midwifery care has to change in the WA Y and PLACE it is being delivered now. Midwives have to start thinking seriously about giving holistic care to their clients, care that starts in the community. But this is not all; The content of the midwives work must change as well. In future, midwives should be involving themselves more in health education ,in educating youths ,in child care ,in women's health and in other areas. The list never ends .

The future is offering great challenges to midwives. Are the midwives accepting the challenges that were set before then almost 20 years ago at Alma -Ata?

The year 2000 is only two years away. Are midwives preparing themselves to tackle these challenges and how are they doing this Are the midwives ready to change or do they still believe that their main role is to deliver babies When we look around us we realise that in every sphere of life, change is an inevitable process. Also, change is a difficult and sometimes a painful process but we must try to do our best and participate in change programmes for the benefit of our clients and for the future of midwifery. The trade union has an important role to play in passing on the message to its members and in helping them to achieve success in their dynamic future role. Let us all work together to;

**1. Improve the work we are doing .**

**2. Deliver a more women centred care.**

**3. Widen the scope of midwifery.**

I am sure that we can take up this challenge. Let us start the New Year with new ideas and new vigour.

I would like to end by wishing all midwives and nurses a Happy Christmas and a Prosperous New Year, together with fulfilment in the profession of your choice.

**References**

*1. Cassar Dr P. (1978 ) The Maltese Midwife in History St Helena press ,St Venera Malta .*

*2. International Confederation of Midwives (1993 ) Definition of the Midwife*

*3.WHO Regional office for Europe (1986) Targets for Health for All; Implications for Nursing / Midwifery.*



# FIL-ĦIN LIBERU



*Alex Powell*



## Il-Presepju

Meta wieħed jagħraf l-istorja nteressanti u evoluttiva tal-presepju, allura jikber l-interess f'dan il qasam għaliex sfortunatament ħafna għadhom iqisu l-presepju bħala xi ħaġa staġjonali biss, jintrama kif joqorbu l-festi tal-Milied u possibilment jitkisser wara. Ħafna jqisu li hu xogħol it-tfal daqs li kieku kien xi ġugarell. Mhux hekk kienu jqisuh ta' qabilna.

**F'Malta**

Mhux faċli li ssib meta u fejn kienu l-ewwel presepji f'Malta. Nafu żgur li fis sena 1617 kien jeżisti presepju fil-knisja tad-Dumnikani r-Rabat u li kien jinxtegħel permezz ta' msiebaħ ġo lampi tal-karti, iżda ma nafux x'tip ta' presepju kien. Iżda l-aktar presepju antik li għadu jeżisti, li nafu bih u li huwa datat 1826 u jinsab fil-monasteru tas-Sorijiet Benedittini tal-Imdina. Il-presepju mekkanizżat, imur lura almenu għas-seklu l-ieħor, meta fis-sebgħinijiet, Antonio Muscat Fenech kien jagħmel presepju kbir mekkanizżat f'Ħal-Qormi u baqa' jarmah sal-1906. Tant kien magħruf dan il-presepju, li xi drabi kien jibqa għal wiri sa' Frar u żaru saħansitra l-Isqof ta' Malta, Mons.Pietru Pace.

**Evoluzzjoni tal-Presepju**

L-aktar ħaġa li tagħmel il-presepju interessanti mhuwiex daqstant meta beda, iżda l-evoluzzjoni tiegħu. Fil-fatt, il-presepju għalkemm jitratta ġrajja partikolari, nistgħu ngħidu li la għandu post u anqas żmien. Kienu ħafna r- reġjuni li ħolqu l-presepju folkloristiku tal-post, fejn il-personaġġi ma baqgħux biss ir- rgħajja fqajra u l-bini ma baqax dak tal-epoka iżda l-pasturi tlibbsu ħwejjeġ folkloristiċi tal-post, deheru snajja u strumenti oħra folkloristiċi kif ukoll bini li jikkaratterizza il-post li jkun.

Jistgħu jissemmew il-presepji tal-Bavarja, tat-Tirol u dak Spanjol bħala eżempji ta' presepji li ħallew għal kollox il-karatteristiċi bibbliċi u introduċew il-folklor tal-pajjiż. Wieħed mill-aktar presepji famużi kien u għadu l-presepju Naplitan. Jidher illi fl-imgħoddi nħadmu xi pasturi Naplitani għal Malta li iżda ma fadalx traċċi tagħhom. Xi għidut jgħidu, li xi pasturi kienu nħarqu biex jagħmlu n-nar għas shana fi żmien ta' faqar. Iżda dan jista juri wkoll li l-karatteristika tal-presepju Naplitan ftit kienet milqugħa f'pajjiżna.

Il-presepju Naplitan ftit li xejn jagħti attenzjoni lill-aspett reliġjuż, jiġifieri l-ġrajja tat-twelid tal-Bambin. Fi presepji rinomati bħal ma huma dawk ta' Caserta, ta' San Martino, u tal-knisja ta' San Kosma u San Damjan f'Ruma li huma presepji kbar ħafna, ix-xena tat-twelid hi żgħira ferm u nieqsa mill-attenzjoni. Il-ġrajja sseħħ f'tempju mġarraf li jissimbolizża il-waqgħa tal-allat quddiem il-miġja tal-Messija. Il-kumplament tax-xeni ma tantx għandhom x'jaqsmu mal-ġrajja iżda l-arti speċjalment



tal-pasturi hi xi ħaġa li ssaħħar. L-artisti kienu jagħfsu ħafna fuw ix-xena tas-Slaten Maġi għax fiha setgħu juru l-arti tal-ilbies rikk. Flimkien mas-slaten, li n- numru tagħhom mhux dejjem hu ta' tlieta, lebsin l-aktar ilbies sinjur immaġinabbli, indurat bid-deheb u rekbin fuq żwiemel jew iljunfanti, tara għadd kbir ta' paġġi, ilsiera u nies oħra. Il-kwantita ta' pasturi kienet importanti aktar milli għalfejn jinsabu hemm għax jagħtu lok għal aktar arti. Għalhekk insibu li l-presepju Naplitan hu ffullat ħafna. Barra l-ilbies rikk ta' dawn il-paġġi, ħafna minnhom iġorru strumenti, bnadar u affarijiet oħra maħduma minn materjal rikk bħall-avorju, l-ebbanu u ndurati bid-deheb u l-fidda. Ħaġa faċli li tara xi xena straordinarja bħal xi lsir waqa ma l-art u xi żiemel qed jogħola dritt għal fuqu. Dawn biex forsi jżidu xi ftit tad-darammatiċita fix-xena komplessa. Ix-xena tat-tverna wkoll hi komuni, b' ħafna nies jieklu minn kwantita enormi ta' ikel, daqq u żfin ma kullimkien, klieb, qtates u kwantita' ta' dettalji bħall dawn. Sfortunatament, kienu wkoll jikkuppjaw il-mankamenti ta' diversi nies li jiltaqgħu magħhom u ħafna drabi jagħmluhom grotteski biex ikunu aktar oriġinali. Jidhlu wkoll kwantita ta' annimali bħal żwiemel, iljunfanti, bufli, barrin,iġmla, xadini u ngħaġ. B'dan il-ftit tagħrif dwar il-presepju Naplitan, wieħed jifhem aħjar għaliex ftit li xejn hu milqugħ f'pajjiżna.

Il-Presepju Sqalli hu aktar awtentiku b'xeni li juru l-lejl tal-Milied, b' ilbies folkloristiku Sqalli. Minn hawn ġew importati diversi presepji li xi wħud minnhom għadhom jeżistu sal-lum. Jissemma Padre Benedetto Papale, li hu magħruf għal presepji folkloristiċi Sqallin li kien jaħdem fis-seklu l-ieħor u li x' aktarx ħadem xogħlijiet għal Malta. Minn xi presepji ta dan il-presepista li jeżistu ġewwa Caltagirone, tispikka ħafna l-influwenza tal-presepju Sqalli fuq dak Malti. Fihom naraw pasturi lebsin bit terħa, is-sidrija u l-milsa fuq rashom, fost l-oħrajn pastur bin nagħġa fuq spalltu u strumenti folkloristiċi li lkoll daħlu fil-presepju folkloristiku Malti.

**Il-Presepju Folkloristiku Malti**

Hekk nistgħu ngħidu li twieled il-presepju folkloristiku Malti, li għalkemm nieqes sew mill arti ta' livell, nistgħu niftaħru li aħna wkoll għandna l-presepju folkloristiku tagħna u xorta waħda kien ikun iċ-ċentru tal-attenzjoni tal-familja Maltija fi żmien il-Milied. Minħabba l-faqar li kien jeżisti, għal ħafna kien impossibli li jordnaw pasturi mingħand artisti, għalhekk kien ikun hemm xi ħadd li b'naqra tafal jitħajjar jifforma xi pasturi u mbagħad jagħtihom id-dehra tagħhom aktar biż- żebgħa milli bil-forma. Xi oħrajn li forsi kienu jinqalgħu aktar, kienu jiffittaw aktar fuq il-pasturi tagħhom, imbagħad jieħdu l-

# ........il- Presepju

forma tagħhom biex ikunu jistgħu jagħmlu aktar u jbigħuhom bi prezz baxx. Fil fatt, dawn għadhom jissejħu pasturi tas-sold. Biż- żmien bdew isiru wkoll pasturi tax-xemgħa kif ukoll Bambini kbar tax-xemgħa.

L- aktar figuri mportanti li nsibu fil-presepju Malti huma l-għoġġieb, l-adoratur, id-daqqaqa biż- żaqq, żafżafa u tamborlin flimkien max-xrik li huma żewġ għannejja flimkien. Jidhru wkoll ix-xabbatur, ir- rieqed jew l-għażżien, kif ukoll in- nisa lebsin iċ-ċulqana li tixbaħ ħafna l-għonnella iżda hi aktar mitluqa u bil-kulur, aktarx iġorru xi oġġett fuq rashom bħal xi basket, xkora jew xi ġarra tal-fuħħar. Ma jonqosx ukoll ir- ragħaj bil kabozza, li hi speċi ta' xkora miftuħa min naħa waħda u tintlibes minn fuq ir- ras sal qadd, ikeċċi n- nagħġa. Xi drabi kienu jidħlu wkoll il-bejjiegħ tal-ħaxix bil karettun, il-furnar, il-mastrudaxxa, il-bidwi, is-sajjied u d-daqqaq tat-tajjar. Fi presepju partikolari, rajt ukoll persunaġġ qed jagħmel il-ġbejniet imma din ma kienetx xi ħaġa komuni. Ta' min isemmi li filwaqt li l-pasturi kollha kienu jitlibbsu bi stil folkloristiku, San Ġużepp u l-Madonna dejjem tlibbsu bil-mod tradizzjonali tagħhom, forsi b' rispett lejn il-familja qaddisa li ħadd ma ażżarda jibdel id-dehera tagħhom.

Iżda l-aktar ħaġa li tiddistingwi l-presepju Malti minn oħrajn hija l-mitħna, li sa fejn nafu, folkloristikament teżisti fil-presepju Malti biss. Hawn wieħed irid jirrimarka li filwaqt li hawn ħafna li jaċċettaw il-mitħna fil-presepju daqs li kieku kienet teżisti biss f'Betlem fi żmien Kristu, dan huwa żball. It-tħin dak iż- żmien, x' aktarx li kien isir fuq rota kbira tal-ġebel permezz ta' bhima. Iżda naturalment il-mitħna Maltija tagħmel sabiħ u tikkumplemental-ambjent ta' presepju. Tradizzjonali ħafna huwa wkoll il-bir.

Biex jinbena l-presepju, kienet tintuża ħafna l-gagazza, li kienet fdalijiet tal-faħam wara li jintuża għall vapuri jew il-fran. L-aktar li kien jinġabar kien mill-menqa tal-faħam tal-vapuri. Naturalment dan il-materjal m'għadux jeżisti u dawk li għandhom minnu jibżgħu għalih ħafna. Popolari kien ukoll il-ġebel rustiku miġbur mit tramuntana ta'Malta. Interessanti hu l-fatt li kemm il-faħam, kif ukoll il-ġebel ma jitwaħħalx iżda jiġu ngastati waħda ma l-oħra, u wara l-festi jiżżarm kollox. Forsi għalhekk huwa diffiċ li ħafna llum biex issib presepji Maltin tal-epoka. Kienu jintużaw ukoll ħxejjex mix xagħri bħas-sagħtar, li r- riħa tiegħu tfewwaħ kullimkien u li llum l-użu tiegħu huwa projbit, il-klin u lejħet ix-xiħ. Kienu jinħadmu wkoll presepji tal-karta pesta u allura xi wħud minn dawn għadhom jeżistu.

Imma mal-mogħdija taż- żmien, bħal ma beda jiġri kullimkien, partikolarment wara l-aħħar gwerra, il-presepju folkloristiku Malti beda jispiċċa. Mal progress, ħafna mill-folklor u t-tradizzjonijiet bdew jagħmlu wisgħa għall industrijalizzazzjoni u l-ħajja mgħaġġla u peress li l-presepju Malti, bħal dak ta' reġjuni oħra kien juri l-ħajja sempliċi ta' dik l-epoka, hekk kif dan kollu beda jispiċċa mit-toroq tagħn, spiċċaw il-kampjuni fuq x'hiex wieħed għandu jaħdem u erġajna dorna għall-presepju klassiku. Barra minnhekk, bdew jiġu mpurtati pasturi minn barra li l-forma tagħhom aktar toqrob lejn il-pasturi Naplitani. Għall bidu kienu jiġu fi speċi ta' kartapesta u aktar tard tal-plastik. Għalkemm fihom il-valur tagħhom ukoll, imma l-prestiġju ta' pastur individwalizżat beda jintemm għax dawn kollha tal-mass production u b' forma waħda isiru eluf mill istess pastur. Aktar minn hekk, tellfu wkoll it-timbru lokali u jkollna nikkuntentaw b'dak li jipprovdulna minn barra.

Madankollu, kien hemm fattur importanti li tat żvolta lill-presepju anke fi żminijiet ta' krisi. Dan kien it-twaqqif tas-soċjeta tad-duttrina nisranija MUSEUM minn Dun Gorg Preca fl-1907. Il-fundatur kien devot ħafna tal-kelmiet Verbum Dei Caro Factum Est. B'dan il-motto din is-soċjeta dejjem ħasset ir-responsabiltà li tiffesteġġja bil kbir il-festa ta' meta l-Iben t'Alla twieled fostna l-bnedmin. Għalhekk lit-tfal beda jingħatalhom, u għadhom sal lum xi presepju jew grotta żgħira jew inkella xi Bambin fuq blata bħala rigal. Lill-bniet jingħatalhom xi Bambin fuq imħadda tad-drapp u mżejjen. Għalhekk minn xhur qabel, tara lill membri tas-soċjeta imdawwrin bil-karti, ġablo, tafal, kolla, ġips, pasturi u kuluri jippreparaw dawn il-presepji. B'hekk it-tradizzjoni tal-presepju tixxettel u tissaħħaħ fost it-tfal.

Minn kemm ilhom imwaqqfin iż-żewġ għaqdiet tal-Ħbieb tal-Presepju, waħda f'Malta u l-oħra f'Għawdex, id-delizzju tal-presepju kiber ħafna, u t-tradizzjoni reġgħet qamet fuq saqajha. Huma ħafna dawk li jistaqsu biex forsi xi ħadd jaħdmilhom presepju biex jarmawh f'darhom fi żmien il-Milied. Huwa ferm aħjar li wieħed imidd idejh u jagħmel il-presepju tiegħu. Illum il-ġurnata, hawn ħafna materjal li hu faċli biex jinħadem, partikolarment il-ġablo li minbarra li hu sempliċi biex jinħadem, iħalli effetti sbieħ ta' blat u anke bini kif ukoll huwa ħafif biex jinġarr.

Zgur li l-Milied mingħajr presepju, id-dar ikun fiha xi ħaġa nieqsa. Hu wkoll importanti li narmawh ukoll fis-swali tagħna tal-isptarijiet u ċ-ċentri biex dawk kollha li jagħmlu użu minn dawn il-postijiet jimtlew bl-ispirtu veru tal-Milied anke fi żmien ta' mard u kriżi. Dan għaliex propju l-presepju jiġbor fih il-messaġġ kollu tal-festi tal-Milied: imħabba, paċi, ferħ u tama li joħorġu mis-sempliċita tal-grotta u l-maxtura li għogħbu jagħżel biex jitwieled fiha l-Messija. Kieku aħna wkoll kellna ċ-ċans li nagħżlu, x'konna nagħmlu?



*Pasturi Folkloristiċi Maltin*

Riferenza:
J.Cassar Pullicino, Studies in Maltese Folklore, Malta, 1992

# APPLIED TECHNIQUES FOR THE ADMINISTRATION OF ENEMAS



*Joe Garcia Stafrace*
*C.G.N*

Enemas have been used for centuries, but enema technique has evolved through trial and error rather than systematic research. Enema administration is a basic nursing skillġ it is the nurse who usually recognizes when an enema is needed and requests a doctor‘s order , then gives or delegates giving the enema, and finally evaluates the enema‘s effectiveness and how well patient tolerated it. Hence, nurses need to know the best way to give enemas.

After fourteen years in an Endoscopy unit, some practical experience grants me right to give some information about optimal enema techniques, safety and invalid comparisons of enemas with other methods o colon cleansing.

**TECHNIQUES**

Basic aspects of enema administration are proper positioning of the patient, optimal volume of enema solution, infusion rate, and experience needed by the person giving the enema. Due to the atonomical situation of the rectum and sigmoid area, the left lateral position with a bit of head tilt, (trendelenburg position) is the ideal position. The pre- procedural digital examination is fundamental to check for stool and determine if the patient has fecal impaction, haemorrhoids, fishers, polyps, fistulas, rectal prolapse or any other abnormal external pathology. Special consideration must be given to patients having pelvic radiation (fragile rectal tissue and radiation protitis increase the risk of perforation), or patients in ITU or CCU due to tension exacerbation and other cardiopulmonary problems from lying flat for the enema. Pediatric patients are in a class of their own from all aspects, even the psychological point. Pre-procedural digital examination should be standardġ it‘s your passport to a safe journey within.

**ENEMA SAFETY**

For a procedure considered benign enough to delegate to hospital aides or the patients themselves, I have seen a surprising number of traumatic and, sometimes fatal side effects. These include inflammation, electrolyte imbalance, and perforation of the colonic mucosa. The nursing texts contain little or no information about these risks and the precaution nurses can take to prevent their occurance. For further studies one has to consult medical journals, especially those relating the Gastroenterology topic.

In contrast to changing dressings or bandages, where the patient has a passive role, in enema administration the patient‘s complete cooperation is a must. Strategies for gaining co-operation include honesty, asking about prior experience with enemas, describing expected sensations, warning about discomfort, showing patients the equipment, and teaching relaxation techniques. Lubrication is the key factor, and it is never enough. Nowadays some have the dual effect of a local anaesthetic too, but these should be administered cautiously due to the absorption of such anaesthetic. Remember this is a highly absorptive area. Give some control to the patient by stopping when requested and retry when the patient is ready.

Privacy and close-by toilet facilities are obvious whike the availability of supportive help should be considered for the eventful situations.

It is difficult to specify the amount of solution, solution temperature, depth of enema tube insertion, speed administration, and retention length. While some studies suggest between 400 to 2000mls, it should really depend on the patient‘s health and ability to retain the solution. Physiologically, the temperature of the solution makes is not relevant, but cold solutions seem to work less and might induce shock. The rectal tube should be inserted inline with a digit and therefore should also stop at the level reached or felt by this digit, i.e, 3-4". The fluid should be left to inflow at gravity pressure, the container being not more than two feet above the patient‘s level. The more the solution is retained the more the positive effect, but over extending pressures might have other complications.

**A WELL-CONDUCTED ENEMA**

Knowledge, experience and practice increase proficiency but not perfection. No hard rules exist, but practical suggestions, which are intended to alleviate pain and discomfort for our patients. Enemas are intended to be curative not iatrogenic. Nurses should feel proud for being entrusted with carrying such important and delicate practice, and this perspective should be applied to other tasks carried out daily. Ours is a profession, and we must be proud to own it by merit.

# GET AN ULTRA FIRM GRIP ON YOUR DENTURES







**HOLDS QUICKER, HOLDS STRONGER, HOLDS LONGER.**
You can eat any food with confidence using the best denture fixative cream ever made; one application keeps dentures in place for up to 12 hours.

# SENSODYNE

Toothpaste
for Sensitive Teeth




# COREGA

FOR YOUR COMPLETE DENTURE CARE




Sole Agents: Joseph Cassar Ltd.
54, Melita Str., Valletta.
Tel: 244510/236908




# Ederma

*Skin protection cream particularly ideal for babies and old people.*

Sole Agents:
**JOSEPH CASSAR LTD.**
54, Melita Str., Valletta.
Tel: 236908

# EJJEW NIDĦQU FTIT

WORD SEARCH

Who can identify the objects in our X Files wordsearch ? The truth is, they're in there .. all but one !

**ALEX KRYCEK**
**ALIEN ABDUCTION**
**BYERS**
**CHRIS CARTER**
**CIGARETTE SMOKING MAN**
**DANA SCULLY**
**DAVID DUCHOVNY**
**DEEP THROAT**
**FBI AGENTS**
**FOX MULDER**
**GILLIAN ANDERSON**
**MR X**
**OFFICIAL COVER- UP**
**SPOOKY**
**THE LONE GUNMEN**
**THE TRUTH IS OUT THERE**
**TRUST NO ONE**
**UFOS**
**WALTER S SKINNER**
**X-PHILES**

| | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| N | J | U | Q | K | Y | T | X | P | H | I | L | E | S | D | I |
| A | W | A | L | T | E | R | S | S | K | I | N | N | E | R | D |
| M | L | C | T | O | B | Q | M | X | B | G | J | E | F | A | G |
| G | C | I | A | H | M | K | M | R | J | Y | P | H | N | P | Q |
| N | I | P | E | R | E | K | Q | H | J | T | E | A | N | H | S |
| I | S | V | M | N | Q | L | J | L | H | G | S | R | Q | C | Y |
| K | U | A | E | R | A | I | O | R | U | C | R | C | S | N | J |
| O | W | F | R | N | T | B | O | N | U | V | H | A | V | S | N |
| M | E | B | O | H | D | A | D | L | E | R | A | O | L | O | C |
| S | Y | I | K | S | T | N | L | U | I | G | H | W | O | C | R |
| E | V | A | T | C | Z | Y | I | S | C | C | U | N | A | N | E |
| T | K | G | U | M | N | F | C | T | U | T | T | N | U | W | U |
| T | J | E | A | X | C | A | U | D | U | S | I | D | M | Z | F |
| E | P | N | J | F | R | A | D | Q | U | P | H | O | M | E | O |
| R | B | T | Z | T | W | I | D | R | T | O | P | Y | N | J | N |
| A | Y | S | E | F | V | H | T | L | V | O | U | M | L | L | N |
| G | I | R | I | A | L | A | L | E | X | K | R | Y | C | E | K |






## C A J T

**Waqt 'interview' għal impjieg.**

Id-direttur: Għall-ewwel sitt xhur taqla' Lm1.50 fis-siegħa, u mbagħad wara tibda taqla'Lm2.50 fis-siegħa.

Iż-żagħżugħ: Tajjeb! Mela tarani sitt xhur oħra.

*Pawlu ġie lura mill-iskola, b'xagħru mqanfed u jixxengel. Malli ratu ommu, nħasdet, u staqsietu x'kien ġralu.*

*Pawlu: U xejn, Ma ! Iġġelidt ma' wieħed.*

*Ommu: Xejn Ħa nara... hi, hawn tlift żewġ sinniet!!*

*Pawlu: Le, Ma, ma tlifthomx. Hawn, ħa fil-but qegħdin.*

Mara mbikkma staqsiet lit-tabib jekk kienx hemm tama għar-raġel tagħha li kien wasal fl-aħħar. It-tabib b'sogħba kbira ddikjarah mejjet. Waqt li kienu mdawrin mas-sodda jibku, r-raġel beda jitħarrek, ċaqlaq idu u wiċċu. Kif induna x'kien qed jiġri madwaru qallilhom, "Le jien għadni ħaj" Bid-dmugħ f'għajnejha u bil-maktur f'idha martu qaltlu, "Iskot, mela int tifhem aktar mit-tabib".



Palace of the Grand Masters, Valletta.






PATRICK'S WOODWORK

GHAL KULL XOGHOL
TA' INJAM U SPRAY

PREZZIJIET MODERATI

Mobile: 099 5340

FRA MENTHOL SPRAY

FRA Menthol Spray is a UNIQUELY formulated spray for the fast effective relief of colds.

Innoccuous, Non-Toxic, and Non-Staining.

ACTIVE INGREDIENTS: MENTHOL, THYMOL, EUCALYPTOL

Spray-Pack Ltd.
37, Valletta Road, Qormi Qrm 05, Malta.
Tel: 443407, 491236. Fax: 488591.

BAMA

